IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.12.2017
COM(2017) 824 final

2017/0335 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tar-responsabbiltà fiskali u l-orjentazzjoni baġitarja fuq perjodu medju fl-Istati Membri

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Għaxar snin ilu, l-ekonomiji tal-Unjoni Ewropea (UE) ntlaqtu minn kriżi finanzjarja u ekonomika bla preċedenti. Filwaqt li dik il-kriżi ma kinitx bdiet fiż-żona tal-euro, hija kixfet xi wħud mid-dgħjufijiet istituzzjonali tagħha. Bħala reazzjoni, l-UE rat kif issaħħaħ l-arranġamenti ta' governanza ekonomika għall-Unjoni u għaż-żona tal-euro, b'mod partikolari permezz ta' pakketti leġiżlattivi magħrufa bħala "Six-pack" (ħames Regolamenti u Direttiva adottati fl-2011) u t-"Two-Pack" (żewġ Regolamenti adottati fl-2013). Dawn il-pakketti kienu ta' għajnuna biex ikun hemm superviżjoni aktar bir-reqqa tal-baġits nazzjonali, jiġu stabbiliti oqsfa fiskali aktar qawwija, u tingħata attenzjoni akbar għal-livelli tad-dejn.

Madankollu, fit-tfittxija għal rimedju għall-kawżi fl-għeruq tal-kriżi, beda jidher ċar li l-qafas fiskali bbażat fuq ir-regoli fil-livell tal-UE kellu jiġu kkumplimentat b'dispożizzjonijiet vinkolanti fil-livell nazjonali sabiex ikunu jistgħu jitrawmu politiki baġitarji sodi fl-Istati Membri kollha u biex jaġixxu bħala mekkaniżmu dejjiemi kontra li jitfaċċaw defiċits eċċessivi.

F'dak il-kuntest, ġie esplorat l-użu tal-liġi tal-Unjoni biex tirfed tali regoli nazzjonali. Il-Kummissjoni f'dawk iż-żminijiet kienet favur b'qawwa li jitkomplew ir-riformi ekonomiċi skont il-metodu tal-Komunità[1]. Madankollu, waqt il-laqgħa tiegħu f'Diċembru 2011, il-Kunsill Ewropew ma rnexxilux jilħaq qbil biex jieħu l-passi li kienu qegħdin jiġu kkunsidrati. Bħala reazzjoni, l-Istati Membri li riedu jimpenjaw ruħhom b'mod konġunt li jkollhom tali regoli domestiċi għamlu dan fuq bażi intergovernattiva, u dan wassal għall-konklużjoni tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSKG), bħala pass temporanju lejn l-inkorprazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu, kemm jista' jkun malajr, fit-Trattati.

It-TSKG ġie ffirmat fit-2 ta' Marzu 2012 minn 25 Parti Kontraenti (l-Istati Membri kollha ħlief għar-Repubblika Ċeka u r-Renju Unit[2]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013. Il-qofol tat-TSKG huwa t-Titolu III tiegħu, li jistabbilixxi l-hekk imsejjaħ "Patt Fiskali". Id-dispożizzjoni ewlenija tiegħu hi l-obbligu għall-Partijiet Kontraenti li jnaqqxu, f'dispożizzjonijiet nazzjonali vinkolanti u permanenti, jekk jista' jkun fil-Kostituzzjoni, regola dwar baġit ibbilanċjat f'termini ta' aġġustament ċikliku. Ir-regola tirrifletti l-obbligu li jinsab fil-qalba tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST), jiġifieri l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. 22 Parti Kontraenti huma marbuta mill-Patt Fiskali (il-membri kollha taż-żona tal-euro kif ukoll, fuq bażi voluntarja, il-Bulgarija, id-Danimarka u r-Rumanija). Partijiet oħra tat-TSKG għandhom l-għan li jsaħħu l-koordinazzjonu u l-governanza tal-politika ekonomija taż-żona tal-euro.

L-approċċ intergovernattiv użat fl-adozzjoni tat-TSKG dejjem kien jinftiehem minn dawk kollha involuti bħala mod biex jittieħdu l-passi neċessarji immedjatament, meta, fl-agħar mumenti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, kien qiegħed jiġi bblukkat il-progress fi ħdan il-Kunsill Ewropew. Għaldaqstant, il-Partijiet Kontraenti qablu li jirsistu biex id-dispożizzjonijiet ċentrali tat-TSKG jiġu integrati fil-liġi tal-Unjoni mhux aktar tard minn ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, jiġifieri sal-1 ta' Jannar 2018.

---

1 Dikjarazzjoni mill-President Barroso f'konferenza stampa wara l-laqgħa tal-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern taż-żona tal-euro, is-27 ta' Ottubru 2011, SPEECH/11/713.

2 Il-Kroazja ma kinitx membru tal-Unjoni Ewropea fil-mument tal-iffirmar u għadha sa issa ma ngħaqditx mat-TSKG.

Dan il-ftehim politiku huwa mnaqqax fl-Artikolu 16 TSKG, fejn hemm stipulat li "*Fi żmien ta' mhux aktar minn ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan it-Trattat, fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-esperjenza bl-implimentazzjoni tiegħu, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa, f'konformità mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li s-sustanza ta' dan it-Trattat tiġi inkorporata fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea.*"

Id-Dokument ta' Riflessjoni dwar l-Approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Kummissjoni, li ħareġ f'Mejju 2017[3], fakkar f'dak il-ftehim u rrefera għall-integrazzjoni possibbli tal-Patt Fiskali fi ħdan il-qafas legali tal-UE matul il-perjodu 2017-2019. Barra minn dan, fl-indirizz tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017, u l-ittra ta' Intenzjoni ta' miegħu[4], il-President Jean-Claude Juncker ippropona, fost affarijiet oħra, l-integrazzjoni tas-sustanza tat-TSKG fi ħdan il-liġi tal-UE, bit-teħid f'kunsiderazzjoni tal-flessibbiltà xierqa integrata fi ħdan il-PST u identifikata mill-Kummissjoni sa minn Jannar 2015.

Il-Parlament Ewropew darba wara l-oħra wkoll talab biex is-sustanza tat-TSKG tiddaħħal taħt it-Trattati[5], bl-argument li, sabiex tkun effettivament leġittima u demokratika, il-governanza ta' Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) ġenwina trid tkun taħt il-qafas istituzzjonali tal-Unjoni.

Il-Patt Fiskali kien ġie adottat bħala soluzzjoni temporanja f'mument ta' kriżi profonda, iżda l-prinċipju bażiku tiegħu għadu għal kollox validu – huwa fl-interess tal-UE u taż-żona tal-euro li tinkoraġġixxi politiki responsabbli li jevitaw id-defiċits eċċessivi. Il-proposta preżenti hija parti minn ġabra usa' u ambizzjuża ta' inizjattivi għal riforma tal-UEM li tressqet mill-Kummissjoni fis-6 ta' Diċembru 2017. Fl-għarfien tar-relevanza partikolari għall-kompletezza tal-UEM, il-proposta hija reazzjoni għar-rieda murija mill-Partijiet Kontraenti tat-TSKG, l-appelli tal-Parlament Ewropew għall-integrazzjoni fil-qafas tal-Unjoni u l-appell għall-għaqda, l-effiċjenza u r-responsabbiltà demokratika li sar mill-President Juncker fl-indirizz tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni f'Settembru tal-2017.

Id-Direttiva proposta ssaħħaħ ir-responsabbiltà fiskali u l-orjentazzjoni baġitarja fuq perjodu medju fl-Istati Membri u għalhekk għandha l-għan li tikseb, flimkien mad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-PST, l-objettiv sottostanti tal-Patt Fiskali, jiġifieri, il-konverġenza lejn livelli prudenti ta' dejn pubbliku. Tabilħaqq, irid jgħaddi ż-żmien sabiex il-livelli għolja ta' dejn pubbliku li għadhom jidhru llum ikunu jistgħu jiġu assorbiti. Għalhekk huwa indispensabbli li jsir aktar progress, kemm fuq perjodu ta' żmien qasir kif ukoll għat-tul.

Il-progress lejn livelli ta' dejn prudenti jirrekjedi deċiżjonijiet baġitarji annwali li jkunu jsegwu orjentazzjoni stabbli lejn il-kisba tal-objettiv baġitarju fuq perjodu medju, u li dan jinżamm. Il-perkors baġitarju hemm bżonn li jkun stabbilit fejn jidħlu politiki taħt il-kontroll tal-gvernijiet li fil-kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet ekonomiċi. Madankollu, rikalibrazzjonijiet frewkenti tal-perkors jimminaw il-kredibbiltà u l-effettività ta' kull strateġija għat-tnaqqis tad-dejn. Parzjalment minħabba ċ-ċirkostanzi ekonomiċi mhux tas-soltu li kien hemm meta daħal fis-seħħ il-Patt Fiskali, tali orjentazzjoni stabbli fuq perjodu medju tal-politiki baġitarju għadha ma saret realtà għal jollox. Hekk kif il-kundizzjonijiet ekonomiċi qegħdin jersqu lejn in-normal, wasal iż-żmien li din tiġi operazzjonalizzata u

3 COM(2017) 291, il-31 ta' Mejju 2017.

4 Indirizz tal-2017 dwar l-Istat tal-Unjoni tal-President Jean-Claude Juncker, SPEECH/17/3165, it-13 ta' Settembru 2017.

5 Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2013 dwar il-problemi kostituzzjonali ta' governanza b'diversi livelli fl-Unjoni Ewropea (P7_TA(2013)0598) u r-riżoluzzjoni tal-24 ta' Ġunju 2015 dwar ir-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika: analiżi u sfidi (P8_TA(2015)0238).

msaħħa dabiex l-Istati Membri jikkonverġu b’mod effettiv lejn l-objettivi li dwarhom hemm qbil.

Kif anki jisħaq id-Dokument ta’ Riflessjoni dwar l-UEM, l-UEM u t-tlestija tagħha trid tibqa’ miftuħa għall-Istati Membri kollha. Dak li jiġi konċeput għaż-żona tal-euro jenħtieġ ukoll li jiġi konċeput għal – u flimkien ma’ – dawk l-Istati Membri li jkunu mistennija li jingħaqdu mal-euro fil-futur prevedibbli. Dan huwa kruċjali biex ikun hemm munita unika li tiffunzjona tajjeb. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Direttiva li qiegħda tiġi proposta tkun tapplika kemm għall-Istati Membri li bħala munita għandhom l-euro, kif ukoll għall-Istati Membri l-oħra li jkunu jixtieq–u jipparteċipaw.

L-Artikolu 3 (li jifforma parti mill-Patt Fiskali) huwa fil-wisa’ l-aktar dispożizzjoni sostantiva tat-TSKG minn perspettiva tal-UEM peress li għandu l-għan li jkun ta’ reazzjoni għall-ħtieġa li jinżammu finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli u biex ma jitħalliex jiġri li d-defiċit u d-dejn tal-gvernijiet isir eċċessiv. Skont l-Artikolu 3(1), il-Partijiet Kontraenti huma impenjati li l-pożizzjoni baġitarja tagħhom tkun f’bilanċ jew f’surplus, b’limitu baxx għad-defiċit strutturali ta’ 0,5% tal-PDG, li jista’ jitla’ għal 1,0% tal-PDG għall-Istati Membri li jkollhom livell ta’ dejn li jkun b’mod sinifikanti taħt is-60% tal-PDG u li jkollhom riskji baxxi rigward is-sostenibbiltà għar-tul tal-finanzi pubbliċi. Dik ir-regola ta’ baġit bilanċjat trid tkun mgħammra b’mekkaniżmu ta’ korrezzjoni li jiskatta b’mod awtomatiku fil-każ ta’ devjazzjoni sinifikanti. L-Artikolu 3(2) jobbliga lill-Partijiet Kontraenti jinternalizzaw dawk ir-regoli fis-sistema legali domestika tagħhom. Dispożizzjonijiet oħra tat-TSKG jew diġà ġew integrati fi ħdan il-liġi tal-UE (b’mod partikolari permezz tat-”Two-pack” għaż-żona tal-euro), jew ikunu meħtieġa tibdiliet fit-Trattati, jew ma jistgħux jiġu inkorporati għal diversi raġunijiet (pereż. xi wħud jirrepplikaw liġi eżistenti tal-UE). Bħala konsegwenza, is-”sustanza” proposta biex tiġi inkorporata fil-qafas legali tal-Unjoni hija kkonċentrata fl-Artikolu 3 TSKG.

Ir-raġunijiet loġiċi biex dik is-”sustanza” tat-TSKG tiddaħħal fil-korp tal-qafas fiskali tal-UE għandhom diversi faċċati. Jiġi ssimplifikat il-qafas legali u jiġi żgurat monitoraġġ aktar effiċjenti u sistematiku tal-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli fiskali kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f’dak nazzjonali, bħala parti mill-qafas kumplessiv tal-governanza ekonomika tal-UE, imqabbel mas-sistema intergovernamentali eżistenti. Jitnaqqsu r-riskji possibbli ta’ duplikazzjonijiet u ta’ azzjonijiet kunfliġġenti li joħorġu min-natura stess tal-eżistenza ta’ arranġementi intergovernattivi biswit il-mekkaniżmi previsti mil-liġi tal-Unjoni. Qafas konsolidat immexxi mil-liġi tal-UE jkun ukoll jista’ jiffaċilita evoluzzjoni konsistenti u kkoordinata tar-regoli fiskali tal-UE u nazzjonali fi ħdan il-proċess usa’ ta’ approfondiment tal-UEM. Fuq kollox, kif jingħad fir-Rapport tal-Ħames Presidenti dwar l-Ikkompletar tal-Unjoni Ekonomija u Monetarja tal-Ewropa[6], l-integrazzjoni fi ħdan il-qafas legali tal-Unjoni tal-istrumenti kollha intergovernattivi li nħolqu matul il-kriżi iġġib responsabbiltà demokratika, kif ukoll leġittimità akbar madwar l-Unjoni.

Id-Direttiva proposta tibni fuq l-osservazzjoni li ma jistax ikun hemm infurzar effettiv tal-qafas fiskali tal-UE jekk ikun hemm biss approċċ minn fuq għal isfel. Minħabba n-natura partikolari deċentralizzata tat-tfassil ta’ politika fiskali fl-UE u l-ħtieġa kumplessiva ta’ sjieda nazzjonali ta’ regoli fiskali huwa essenzjali li l-objettivi tal-qafas ta’ koordinazzjoni baġitarja tal-UEM ikunu riflessi wkoll fl-oqsfa fiskali tal-Istati Membri. Filwaqt li d-Direttiva tal-Kunsill (UE) Nru 2011/85[7] diġà stabiliet karatteristiċi minimi għall-oqsfa fiskali nazzjonali,

---

6 Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa, Rapport minn Jean-Claude Juncker, f’kooperazzjoni mill-qrib ma’ Donald Tusk, Jeroen Dijsselbloem, Mario Draghi u Martin Schulz, it-22 ta’ Ġunju 2015.

7 Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41). Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) Nru 2011/85 hija parti mis-”Six-Pack”.

fit-TSKG il-Partijiet Kontraenti qawwew il-bażi għal politiki fiskali responsabbli fosthom billi stabbilew l-obbligu li jitnaqqax obbligu ta' baġit ibbilanċjat permezz ta' *"dispożizzjonijiet [nazzjonali] li jkunu vinkolanti u ta' karattru permanenti, preferibbilment kostituzzjonali, jew li b'xi mod ieħor ikunu garantiti li jiġu rispettati u osservati b'mod sħiħ matul il-proċessi baġitarji nazzjonali"*.

Fl-istess vena, il-proposta preżenti tippreżenta obbligu għall-Istati Membri biex ikollhom stabbilit qafas ta' regoli fiskali numeriċi vinkolanti u permanenti li, filwaqt li jkunu konsistenti mar-regoli fiskali stipulati fil-qafas tal-Unoni, jista' jkollhom speċifiċitajiet relevanti għall-Istat Membru kkonċernat. Jenħtieġ li dak il-qafas isaħħaħ it-tmexxija responsabbli tagħhom tal-politika fiskali u jippromwovi l-konformità mal-obbligi baġitarji li jitnisslu mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Jenħtieġ li jiżgura l-konverġenza tad-dejn pubbliku lejn livelli prudenti (jiġifieri, il-valur ta' referenza stabbilit fil-Protokoll Nru 12 dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv annessa mat-Trattati), b'mod partikolari permezz ta' rabta ma' objettiv ta' perjodu medju fejn jidħol il-bilanċ strutturali li jkun vinkolanti fuq l-awtoritajiet baġitarji nazzjonali fid-deċiżjonijiet annwali tagħhom. Dak l-approċċ ibbażat fuq l-objettivi jirrifletti għan kondiviż, sabiex tiġi żgurata s-sostenibbilta tal-finanzi pubbliċi, li tkun komuni għar-regoli u l-mekkaniżmi baġitarji nazzjonali u għall-qafas fiskali tal-UE. L-orjentazzjoni fuq perjodu medju għandha l-għan li tipprovdi bażi aktar qawwija għal politiki baġitarji sodi peress li l-biċċa l-kbira tal-miżuri fiskali għandhom implikazzjonijiet baġitarji li jmorru sew lil hinn miċ-ċiklu baġitarji annwali. Fl-istess vena, jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali maġġuri b'impatt pożittiv verifikabbli fuq is-sostenibbiltà għat-tul tal-finanzi pubbliċi tittieħed f'kunsiderazzjoni kif xieraq fil-perspettiva fiskali fuq perjodu medju.

Jekk għandu jkun hemm rabta fuq perjodu medju għal skopijiet baġitarji, l-ippjanar fiskali għandu jinkludi perkors għall-infieq fuq perjodu medju, li ma jkunx jinkludi miżuri ta' dħul diskrezzjonarju u li jkun konsistenti mal-objettiv fuq perjodu medju jew mal-perkors ta' aġġustament biex jintlaħaq. Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm sens imtejjeb ta' sjieda nazzjonali tal-politika fiskali u li jkunu riflessi l-ispeċifiċitajiet sovrani tal-Istati Membri, jenħtieġ li dak il-perkors jiġi stabbilit għall-perjodu kollu tal-leġiżlatura kif stabbilit mill-ordni legali kostituzzjonali domestiku, hekk kif jidħol fil-kariga gvern ġdid. Huwa ta' importanza kruċjali li dak il-perkors jiġi rispettat mill-baġits annwali matul il-perjodu li huwa jkopri.

Hemm bżonn ta' mezzi effettivi sabiex jiġi rranġat in-nuqqas ta' konformità għall-kredibbiltà tal-objettiv fuq perjodu medju u tal-mira finali operattiva assoċjata. Filwaqt li huwa l-każ li xi ċirkostanzi eċċezzjonali jistgħu jwasslu għal devjazzjoni temporanja mill-objettiv fuq perjodu medju jew mill-perkors ta' aġġustament lejh, xi devjazzjonijiet sinifikanti li jiġu osservati jkunu jridu jiġu rranġati permezz tal-attivazzjoni awtomatika ta' mekkaniżmu ta' korrezzjoni definit minn qabel, b'mod partikolari billi jkun hemm kumpens għad-devjazzjonijiet mill-perkors tal-infiq fuq perjodu medju.

Il-politiki baġitarji sodi għat-tul jiġu pperikolati bit-tendenza lejn defiċit u b'mod aktar ġenerali bil-pożizzjoni ta' politika proċiklika li tista' tiġi osservata fost l-Istati Membri. Biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, tfaċċaw strumenti kumplimentari bħal ma huma r-regoli fiskali u l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti. L-evidenza wriet li r-regoli fiskali mgħammra b'arranġamenti ta' monitoraġġ indipendenti huma assoċjati ma' trasparenza aħjar, riżultati fiskali aħjar u ma' kosti iżgħar ta' ffinanzjar tad-dejn sovran. Għal dik ir-raġuni, id-Direttiva proposta qiegħda tipprevedi l-involviment tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti fil-monitoraġġ tal-konformità mal-qafas tar-regoli fiskali numeriċi, inkluż bil-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-orjentazzjoni baġitarja fuq perjodu medju, kif ukoll fil-monitoraġġ ta' kif jiġi attivat u applikat il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni. Meta josservaw devjazzjonijiet sinifikanti mill-objettiv fuq perjodu medju, jew fil-perkors ta' aġġustament lejh, jenħtieġ li l-

istituzzjonijiet fiskali indipendenti jitolbu lill-awtoritajiet baġitarji biex bla dewmien jattivaw il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni u jenħtieġ li dawn jevalwaw il-miżuri korrettivi ppjanati u l-implimentazzjoni tagħhom. L-evalwazzjonijiet pubbliċi mħejjija mill-istituzzjonijiet fiskali indipendenti fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, flimkien mad-dmir tal-awtoritajiet baġitarji tal-Istati Membri li "jikkonformaw jew inkella jiġġustifikaw" f'rabta mar-rakkomandazzjonijiet tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, ikunu ta' xprun għall-konsegwenzi fuq ir-reputazzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' konformità u għalhekk iżidu l-kredibbiltà u l-infurzabbiltà tal-orjentazzjoni fuq perjodu medju. Peress li l-adozzjoni tas-"Six-Pack" u t-"Two-pack" kif ukoll it-TSKG[8] diġà wasslu biex jiġu stabbiliti istituzzjonijiet fiskali indipendenti fi kważi l-Istati Membri kollha, id-Direttiva proposta aktarx li ma tkunx tirrkjedi strutturi ġodda għalkemm jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' emendi għall-kompiti ta' bħalissa ta' istituzzjonijiet fiskali indipendenti eżistenti, flimkien ma' aċċess aħjar għall-informazzjoni u xi tisħiħ tar-riżorsi.

Fid-Direttiva proposta hemm dispożizzjonijiet dettaljati li jistabbilixxu aspetti speċifiċi tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni u tal-karatteristiċi neċessarji marbuta mal-istabbiliment ta' istituzzjonijiet fiskali indipendenti u tal-kompiti speċifiċi tagħhom li jitnisslu minn din il-proposta. Dawk l-elementi jinkorporaw karatteristiċi ewlenin mill-prinċipji komuni dwar il-mekkaniżmi nazzjonali ta' korrezzjoni fiskali[9], li ntużaw mill-Istati Membri fl-adozzjoni tagħhom ta' miżuri f'konformita mal-Artikolu 3(2) tat-TSKG.

Id-Direttiva proposta ma taffettwax l-impenji magħmula fl-Artikolu 7 tat-TSKG, minn dawk il-Partijiet Kontraenti li l-munita tagħhom hi l-euro, li jikkoordinaw il-veduti tagħhom qabel il-votazzjoni fi ħdan il-Kunsill dwar proposti u rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Bl-istess mod, hija tippreserva l-prassi skont l-Artikolu 13 tat-TSKG ta' diskussjonijiet fil-qafas tal-laqgħat interparlamentari li jsiru mill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali tal-Partijiet Kontraenti. Tali diskussjonijiet jikkontribwixxu għat-titjib tar-responsabbiltà demokratika fil-kuntest tal-governanza ekonomika tal-Unjoni.

- Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fl-UE.

L-istrument ċentrali għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politika fiskali fl-UE u fiż-żona tal-euro huwa l-PST, li jimplimenta d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar id-dixxiplina baġitarja. Il-Patt Fiskali jikkorrispondi f'ħafna aspetti mal-parti preventiva tal-PST. Tabilħaqq, ir-regola dwar il-baġit bilanċjat f'perjodu aġġustati ċiklikament tirrifletti ħafna l-objettiv baġitarju fuq perjodu medju stabbilit skont l-Artikolu 2a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[10].

Id-Direttiva proposta tippreżenta qafas ta' regoli fiskali numeriċi u speċifikazzjonijiet għall-magħhom li mhux biss kumpatibbli mal-PST iżda wkoll maħsub b'mod speċifiku biex jikkumplimentah. Dak il-qafas irid b'mod effettiv jippromwovi l-konformità mal-obbligi tal-Istat Membru li jitnisslu mit-TFUE fil-qasam tal-politika baġitarja, li jfisser, fost affarijiet

8 It-TSKG stieden lill-Kummissjoni tħejji rapport dwar il-miżuri adottati mill-Partijiet Kontraenti marbuta bil-Patt Fiskali dwar il-miżuri adottati minn kull wieħed minnhom f'relazzjoni mal-Artikolu 3(2) TSKG; F'dan is-sens, il-Kummissjoni fit-22 ta' Frar 2017 adottat Komunikazzjoni u rapport li jevalwa l-konformità tal-miżuri nazzjonali relevanti (C(2017) 1201 finali). Dan jipprovdi dettalji dwar l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti fil-Partijiet Kontraenti tat-TSKG.

9 Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Prinċipji komuni dwar mekkaniżmi nazzjonali ta' korrezzjoni fiskali (COM(2012) 342 finali).

10 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1).

oħra, li l-objettiv fuq perjodu medju previst li, fi ħdan il-proċessi baġitarji nazzjonali, jkollu r-rwol ta' ankra sabiex jiġu żgurati livelli ta' dejn sostenibbli, irid ikun konsistenti mal-objettiv baġitarju fuq perjodu medju stabbilit bl-Artikolu 2a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97. Sabiex tittieħed f'kunsiderazzjoni l-flessibbiltà xierqa li tinsab integrata fir-regoli tal-PST, u f'konformità mar-rekwiżiti proċedurali tagħha, il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi biex tittieħed f'kunsiderazzjoni l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' riformi strutturali li jkollhom impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà għat-tul tal-finanzi pubbliċi.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI

L-Artikolu 16 tat-TSKG u l-premessa ta' miegħu jesprimi r-rieda soda, mhux ambiguwa tal-Partijiet Kontraenti li jinkorporaw kemm jista' jkun malajr is-sustanza ta' dak it-Trattat fil-qafas legali tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni segwiet dan l-impenn tal-25 Stat Membru li huma Partijiet Kontraenti billi qiegħda tressaq din il-proposta. Il-Kummissjoni ħabbret għall-ewwel darba l-intenzjoni tagħha li tieħu l-inizjattiva u taġixxi fuq dak l-impenn fid-Dokument ta' Riflessjoni dwar l-Approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, li kien jappella biex jintlaħaq ftehim fost il-Partijiet Kontraenti sabiex tiġi integrata s-sustanza tal-TSKG fil-liġi tal-Unjoni. Fl-indirizz tiegħu tal-2017 dwar l-Istat tal-Unjoni, u fl-Ittra ta' Intenzjoni ta' miegħu, il-President Juncker ħabbar proposta ta' inkorporazzjoni bħala parti mill-pakkett tas-6 ta' Diċembru 2017 dwar l-approfondiment tal-UEM.

Id-Direttiva proposta tibni fuq l-għarfien profond li għandha l-Kummissjoni tal-arkitettura tal-Patt Fiskali (inkluż b'mod partikolari l-interazzjonijiet tagħha mal-qafas fiskali tal-Unjoni) u ta' kif kienet ġiet imnaqqxa mill-Istati Membri kkonċernati fis-sistemi legali domestiċi tagħhom. Bil-ħsieb li tħejji r-rapport tagħha ta' Frar 2017, li jevalwa l-konformità tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati mill-Partijiet Kontraenti marbuta bil-Patt Fiskali, il-Kummissjoni impenjat ruħha f'konsultazzjonijiet estensivi ma' dawk l-Istati Membri. Dawk l-iskambji bilaterali taw lill-Kummissjoni fehim profond u preċiż dwar kif l-arranġamenti leġiżlattivi u istituzzjonali li huma stabbilew iġibu fis-seħħ ir-regoli mnaqqxa fl-Artikolu 3 tat-TSKG.

Id-diskussjonijiet li saru bejn l-Istati Membri fil-Kunsill ECOFIN u l-kumitati preparatorji tiegħu f'rabta mal-Patt Fiskali, b'mod speċjali dwar l-evalwazzjoni tal-konformità tad-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni, inkludew ukoll il-kwistjoni tal-inkorporazzjoni tal-Patt Fiskali fil-liġi tal-Unjoni u fakkru fil-ħtieġa li jittieħdu passi f'dik id-direzzjoni sal-1 ta' Jannar 2018.

3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- Il-bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika tad-Direttiva proposta hija t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 126(14) tat-TFUE. It-tisħiħ tar-responsabbiltà fiskali u tal-orjentazzjoni baġitarja fuq perjodu medju fl-Istati Membri għandu l-għan li jikkumplimenta u jsaħħaħ il-qafas ta' politika disponibbli biex jiġu evitati defiċits eċċessivi kif stabbilit skont l-Artikolu 126 TFUE. Filwaqt li d-Direttiva proposta ma tbiddilx ir-regoli sostanzjali u proċedurali stabbiliti fil-PST, hija żżid l-effettività ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Il-proposta tapplika għall-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro

u tinkludi dispożizzjonijiet ta' inklużjoni fakultattiva għall-Istati Membri barra miż-żona tal-euro.

- Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-objettiv tagħha ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni. Id-Direttiva proposta ma tmux lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

2017/0335 (CNS)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tar-responsabbiltà fiskali u l-orjentazzjoni baġitarja fuq perjodu medju fl-Istati Membri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 126(14) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Waqt li jaġixxu skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jobbliga lill-Istati Membri, li jqisu l-politiki ekonomiċi tagħhom bħala materja ta' relevanza kondiviża, li l-politiki baġitarji tagħhom ikunu ggwidati mill-ħtieġa ta' finanzi pubbliċi sodi u li l-politiki ekonomiċi tagħhom ma jkunux ta' riskju għall-funzjonament kif xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) jinkludi s-sistema ta' sorveljanza multilaterali u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97[11] kif ukoll il-proċedura għall-prevenzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern stabbilita fl-Artikolu 126 TFUE u speċifikata ulterjorment fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97[12]. Il-PST issaħħaħ ulterjorment permezz tar-Regolamenti (UE) Nru 1175/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1177/2011[14]. Ir-Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15] żied sistema ta' mekkaniżmi ta' infurzar effettiva, preventiva u gradwali fil-forma ta' impożizzjoni ta' sanzjonijiet kontra l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

---

11 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1).

12 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

13 Ir-Regolament (UE) Nru 1175/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet tal-budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 12).

14 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1177/2011 tat-8 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 33);

15 Ir-Regolament (UE) Nru 1173/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza baġitarja fiż-żona tal-euro (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 1);

(3) Sabiex l-Istati Membri jiġu inkoraġġiti jkunu konformi mal-oblbigi skont it-TFUE fil-qasam tal-politika baġitarja, fid-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE ġew stabbiliti regoli dettaljati dwar il-karatteristiċi tal-oqsfa baġitarji tal-Istati Membri[16].

(4) Peress li hemm interdipendenza akbar fost l-Istati Membri li jużaw il-munita euro u għalhekk jista' jiġri li l-politiki baġitarji ta' Stat Membru wieħed jista' jkollhom effetti li jinfirxu lejn oħrajn, sabiex tkompli tissaħħaħ l-integrazzjoni, il-konverġenza u l-koordinazzjoni ekonomika fosthom, iddaħħlu għadd ta' miżuri ta' titjib għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza baġitarja permezz tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] u tar-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18].

(5) Bil-għan li jissaħħu s-sisien li jiżgura dixxiplina baġitarja matul iċ-ċiklu ekonomiku, fit-2 ta' Marzu 2012, 25 Stat Membru ffirmaw u rratifikaw it-Trattat intergovernamentali dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSKG). It-Titolu III tat-TSKG, il-"Patt Fiskali", huwa vinkolanti fuq l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u, fuq bażi volontarja, fuq il-Bulgarija, id-Danimarka u r-Rumanija (minn issa 'il-quddiem "il-Partijiet Kontraenti"), u jistabbilixxi l-obbligu li fl-ordni legali nazzjonali ta' dawk il-Partijiet Kontraenti titnaqqax regola dwar baġit bilanċjat f'termini strutturali mgħammra b'mekkaniżmu ta' korrezzjoni li jiskatta b'mod awtomatiku fil-każ ta' devjazzjoni sinifikanti u li jkun sorveljat minn istituzzjonijiet indipendenti. Il-Partijiet Kontraenti esprimew ir-rieda tagħhom li jużaw dak l-istrumenti intergovernattiv bħala strument temporanju. Din ir-rieda hija riflessa fl-Artikolu 16 tat-TSKG li jistipula li, fi żmien massimu ta; ħames snin wara d-dħul tiegħu fis-seħħ, għandhom jittieħdu l-passi neċessarji bil-għan li s-sustanza tiegħu tiġi inkorporata fi ħdan il-qafas legali tal-Unjoni. Għalhekk, fil-qafas legali tal-Unjoni jenħtieġ li jiddaħħlu dispożizzjonijiet li jippermettu li s-sustanza tat-TSKG tidħol fis-seħħ.

(6) Sabiex jinżammu finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, u sabiex jiġu evitati defiċits eċċessivi tal-gvern kif mitlub mit-TFUE, filwaqt li fl-istess ħin titjieb ir-reżiljenza taż-żona tal-euro bħala tali, jenħtieġ li jkun hemm dispożizzjonijiet speċifiċi fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro sabiex isaħħu r-responsabbiltà fiskali u l-orjentazzjoni baġitarja tagħhom fuq perjodu medju, lil hinn mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/85/UE.

(7) Peress li l-kriżi ekonomika u finanzjarja ħalliet għadd ta' Stati Membri b'legat ta' dejn pubbliku kbir, u sabiex ikun hemm żgura il-konverġenza tad-dejn pubbliku lejn livelli ta' prudenza, huwa strumentali li jkun hemm qafas ta' regoli fiskali numeriċi, speċifiċi għal kull Stat Membru, li jkollhom l-għan li jsaħħu l-imġieba responsabbli fit-tmexxija tal-politika fiskali tiegħu, u fl-istess waqt li jippromwovi l-konformità mal-obbligi baġitarji li jitnisslu mit-TFUE. Jenħtieġ li tali qafas ikun jopera b'mod partikolari billi jistabbilixxi objettiv fuq perjodu medju, f'termini ta' bilanċ strutturali li jkun vinkolanti fuq l-awtoritajiet baġitarji nazzjonali u fuq id-deċiżjonijiet annwali tagħhom. L-objettivi fuq perjodu medju għall-pożizzjoni baġitarja jippermettu li jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-riskji differenti fil-proporzjon ta' dejn pubbliku għall-PDG u ta' sostenibbiltà tal-Istati

---

[16] Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41).

[17] Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1).

[18] Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11).

Membri, li l-iżviluppi dwar id-dejn jiġu ankrati lejn il-valur ta' referenza stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Protkoll Nru 12 dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropew u mat-TFUE.

(8) Sabiex jinkiseb u jinżamm l-objettiv fuq perjodu medju f'termini strutturali, huwa neċessarju li l-Istati Membri jispeċifikaw perkors konsistenti ta' aġġustament, ibbażat fuq elementi varjabbli taħt il-kontroll tal-awtoritajiet baġitarji. L-ippjanar fiskali nazzjonali mirfud minn perkors ta' nefqa tal-gvern aġġustat għall-impatt ta' miżuri diskrezzjonarji ta' dħul jiffavorixxi l-effettività, it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sorveljanza tal-iżviluppi fiskali. Sabiex issir il-konnessjoni mill-qrib bejn il-pjani u r-riżultati fiskali kumplessivi fuq perjodu medju u sabiex ikun hemm żgur sens imtejjeb ta' sjieda tal-politika fiskali, jenħtieġ li jiġi stabbilit perkors ta' tkabbir tan-nefqa tal-gvern fuq perjodu medju, esklużi minnu miżuri diskrezzjonarji ta' dħul, għall-perjodu kollu tal-leġiżlatura kif stabbilit mill-ordni legali kostituzzjonali ta' kull Stat Membru. Jenħtieġ li dak il-perkors jiġi stabbilit hekk kif gvern jidħol fil-kariga u l-baġits annwali mbagħad iżommu miegħu, sabiex b'hekk tinkiseb konverġenza reżoluta lejn l-objettiv fuq perjodu medju,

(9) Minħabba l-effetti pożittivi futuri tagħhom, l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali maġġuri li jseddqu s-sostenibbiltà għat-tul jistgħu jiġġustifikaw bidliet fil-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv fuq perjodu medju, sakemm ikollhom impatt baġitarju pożittiv li jkun verifikabbli li jkun ikkonfermat b'evalwazzjoni li ssir skont ir-rekwiżiti proċedurali tal-PST. Sabiex tiġi ffaċilitata l-istabbilizzazzjoni ekonomika, jenħtieġ li jekk jinqalgħu ċirkostanzi eċċezzjonali – fil-forma ta' tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku għaż-żona tal-euro jew għall-Unjoni kollha kemm hi, jew fil-każ ta' avvenimenti mhux tas-soltu, li ma jkunux fil-kontroll tal-Istat Membru kkonċernat u li jkollhom impatt baġitarju maġġuri – għandu jkun hemm il-possibbiltà ta' devjazzjoni temporanja mill-objettiv fuq perjodu medju jew mill-perkors ta' aġġustament lejh, meta tali devjazzjoni ma tqiegħedx fil-periklu s-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju.

(10) Jekk ma jiġux indirizzati b'mod xieraq, devjazzjonijiet sinifikanti mill-objettiv fuq perjodu medju, jew mill-perkors ta' aġġustament lejh, itellfu l-kredibbiltà tal-pjani baġitarji u hemm ir-riskju li dawn iħarbtu l-iżviluppi tad-dejn tal-gvern. Sabiex titjieb il-kredibbiltà tal-impenn tal-Istati Membri għall-objettiv fuq perjodu medju, jenħtieġ li jiġi attivat b'mod awtomatiku mekkaniżmu ta' korrezzjoni fil-każ li tiġi osservata devjazzjoni sinifikanti. Jenħtieġ li mekkaniżmu ta' korrezzjoni kredibbli jistabbilixxi l-miżuri li jkollhom bżonn jiġu implimentati sabiex tinkiseb il-korrezzjoni tad-devjazzjoni fuq perjodu definit ta' żmien, fil-kunsiderazzjoni tan-natura u tad-daqs tad-devjazzjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni jikkumpensa għal devjazzjonijiet mill-perkors ta' tkabbir fuq perjodu medju tan-nefqa tal-gvern, bl-esklużjoni ta' miżuri ta' dħul diskrezzjonarji.

(11) Korpi indipendenti inkarigati mill-monitoraġġ tal-finanzi pubbliċi fl-Istati Membri huma elementi kostitwenti essenzjali għall-oqsfa fiskali effettivi. Sabiex tisseddaq id-dixxiplina fiskali u tissaħħaħ il-kredibbiltà tal-politika fiskali, jenħtieġ li tali korpi jwettqu evalwazzjonijiet indipendenti tal-qafas ta' regoli fiskali numeriċi, inkluż notevolment l-orjentazzjoni baġitarja fuq perjodu medju, u jenħtieġ li jissorveljaw il-konformità ma' dak il-qafas u l-attivazzjoni u l-operazzjoni tal-mekkaniżmi korrettivi assoċjati.

(12) It-tisħiħ tar-responsabbiltà fiskali nazzjonali u orjentazzjoni vinkolanti ta' politika fiskali tirrekjedi istituzzjonijiet fiskali li jkunu indipendenti li jkollhom ir-riżorsi proprji tagħhom sabiex b'mod attiv jissorveljaw l-iżviluppi fiskali u jipprovdu

rakkomandazzjonijiet madwar iċ-ċiklu baġitarju fuq perjodu medju, inkluż b'mod partikolari meta tiġi osservata devjazzjoni sinifikanti mill-objettiv fuq perjodu medju jew mill-perkors ta' aġġustament lejh. Sabiex tingħata spinta lill-kredibbiltà u lill-infurzabbiltà tal-objettiv fuq perjodu medju, il-perkors tan-nefqa tal-gvern li jirfidha u l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni relatat, fil-każ ta' devjazzjonijiet sinifikanti, jenħtieġ li l-awtoritajiet baġitarji tal-Istati Membri jkunu konformi mar-rakkomandazzjonijiet li jkunu tressqu fl-evalwazzjonijiet tal-korpi indipendenti jew inkella jiġġistifikaw b'mod pubbliku għaliex ikunu ddeċidew li ma jżommux magħhom. F'dak is-sens, il-fatt li dan il-prinċipju jkun ankrat fl-ordni legali nazzjonali jkollu rwol kruċjali.

(13) Sabiex ikun hemm effikaċja akbar tal-għan aħħari kondiviż tar-regoli u l-mekkaniżmu baġitarji nazzjonali u tal-qafas fiskali tal-Unjoni, jiġifieri l-konverġenza tad-dejn pubbliku lejn livelli prudenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ ir-regoli stipulati f'din id-Direttiva permezz ta' dispożizzjonijiet ta' forza vinkolanti u natura permanenti, ta' natura kostituzzjonali jew li b'xi mod ieħor ikunu garantiti li jiġu rispettati bis-sħiħ u li jinżammu matul il-proċessi baġitarji nazzjonali.

(14) Fid-19 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li jenħtieġ li l-proċess lejn unjoni ekonomika u monetarja aktar profonda jibni fuq il-qafas istituzzjonali u legali tal-Unjoni u jkun ikkaratterizzat mill-ftuħ u trasparenza lejn l-Istati Membri li ma jużawx il-euro. L-adozzjoni tal-euro minn dawn l-Istati Membri ssir eħfef permezz ta' miżuri nazzjonali għat-tisħiħ tar-responsabbiltà fiskali u għaldaqstant il-mekkaniżmi stabbilit minn din id-Direttiva jenħtieġ li jkunu miftuħa għall-Istati Membri kollha li jkunu jixtiequ jipparteċipaw. Għalhekk, għandu jkun previst li din id-Direttiva tkun applikabbli għall-Istati Membri li l-munita tagħhom mhux il-euro, meta dawk l-Istati Membri hekk jiddeċiedu.

(15) Ta' min wieħed jisħaq li l-Artikolu 7 tat-TSKG jistipula li l-Partijiet Kontraenti li għandhom il-euro bħala munita daħlu għall-impenn li jappoġġjaw il-proposti jew ir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati mill-Kummissjoni fejn din tqis li Stat Membru, li jkollu l-euro bħala munita, ikun fi ksur tal-kriterju tad-defiċit fil-qafas ta' proċedura ta' defiċit eċċessiv, sakemm maġġoranza kkwalifikata fosthom, ikkalkolata b'mod analogu mad-dispożizzjonijiet relevanti tat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, mingħajr ma tittieħed f'kunsiderazzjoni l-pożizzjoni tal-Parti Kontraenti kkonċernata, ma tkunx opposta għad-deċiżjoni proposta jew rakkomandata.

(16) Filwaqt li l-inkorporazzjoni tas-sustanza tat-TSKG fl-ordni legali tal-Unjoni kif inhu bħalissa ma testendix għall-alterazzjoni tal-arranġamenti stipulati bid-dispożizzjonijiet tat-TFUE għat-teħid ta' deċiżjonijiet, jenħtieġ li din id-Direttiva tħalli bla mittiefsa l-impenji stabbiliti bejn il-Partijiet Kontraenti skont l-Artikolu 7 tat-TSKG.

(17) L-Artikolu 13 tat-TSKG jistipula li l-politiki baġitarji u kwistjonijiet oħra koperti minn dak it-Trattat se jiġu diskussi fil-qafas ta' laqgħat interparlamenti li jinżammu mill-Parlament Ewropew u mill-Parlamenti nazzjonali tal-Partijiet Kontraenti skont it-Titolu II tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, mehmuż mat-Trattati. Jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika bla ħsara għal dik il-prassi, peress li tali djalogu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-responsabbiltà demokratika fil-kuntest tal-governanza ekonomika tal-Unjoni.

(18) Jenħtieġ li din id-Direttiva ssaħħaħ l-effettività tal-PST billi żżid il-limitu sa liema tkun integrata fl-ordinijiet legali tal-Istati Membri, filwaqt li fl-istess ħin jitnaqqsu r-riskji possibbli ta' duplikazzjonijiet u ta' azzjonijiet kunfliġġenti inerenti fil-koeżistenza ta' arranġamenti intergovernattivi biswit mekkaniżmi previsti mil-liġi tal-Unjoni. Jenħtieġ

li r-regoli sostantivi u proċedurali stabbiliti fil-PST ma jkunux affettwati b'din id-Direttiva.

(19) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjoni[19], l-Istati Membri daħlu għall-impenn li, f'każijiet ġustifikati, jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' trażpożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li fih jispjegaw ir-relazzjoni bejn l-elementi ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġġustifikata.

(20) Peress li l-objettiv tal-azzjoni li għandha tittieħed, jiġifieri li tissaħħaħ ir-responsabbiltà fiskali bl-adozzjoni ta' orjentazzjoni baġitarja aktar vinkolanti fuq perjodu medju, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tistipula d-dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tar-responsabbiltà fiskali u l-orjentazzjoni baġitarja fuq perjodu medju fl-Istati Membri, sabiex tiġi ggarantita konformità mal-obbligi li jitnisslu mill-evitar ta' deficits tal-gvern eċċessivi.

2. Din id-Direttiva tapplika għall-Istati Membri li jużaw il-euro kif ukoll għal Stati Membri oħra skont l-Artikolu 4.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ta' 'gvern', 'defiċit' u 'dejn' stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 12 dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-TUE u mat-TFUE.

Barra minn hekk, japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

a) "ċirkostanżi eċċezzjonali" tfisser avveniment mhux tas-soltu li mhux fil-kontroll tal-Istat Membru kkonċernat u li jkollu impatt kbir fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-amministrazzjoni pubblika jew xi tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku taż-żona tal-euro jew tal-Unjoni kollha kemm hi;

b) "korpi indipendenti" tfisser korpi li huma strutturalment indipendenti jew korpi mogħnija b'awtonomija funzjonali fil-konfront tal-awtoritajiet baġitarji tal-Istat Membru, u li jkunu bbażati fuq dispożizzjonijiet legali nazzjonali li jiżguraw livell għoli ta' awtonomija u responsabilità funzjonali.

(c) "bilanċ strutturali" tfisser il-bilanċ, aġġustat ċiklikament, tal-amministrazzjoni pubblika, mingħajr il-kunsiderazzjoni ta' miżuri ta' darba u oħrajn temporanji.

[19] ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Artikolu 3

Responsabbiltà fiskali u orjentazzjoni baġitarja għal perjodu medju

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixi qafas ta' regoli fiskali numeriċi vinkolanti u permanenti li jkunu speċifiċi għalih, isaħħaħ it-tmexxija responsabbli tiegħu tal-politika fiskali u jippromwovi b'mod effettiv il-konformità mal-obbligi tiegħu li jitnisslu mit-TFUE fil-qasam tal-politika baġitarja fuq orizzont pluriennali għall-amministrazzjoni pubblika fl-intier tagħha. Dak il-qafas għandu jinkludi b'mod partikolari r-regoli li ġejjin:

   (a) jiġi stabbilit objettiv fuq perjodu medju f'termini ta' bilanċ strutturali sabiex jiġi żgurat li l-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-prodott domestiku gross fi prezzijiet tas-suq ma jeċċedix il-valur ta' referenza stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 12 dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv jew li joqrob lejh b'pass xieraq.

   (b) l-ippjanar fiskali għandu jinkludi perkors fuq perjodu medju tan-nefqa tal-gvern bl-esklużjoni ta' miżuri ta' dħul diskrezjonarji u konsistenti mal-objettiv fuq perjodu medju jew il-perjodu stabbilit għall-konverġenza lejh. Dak il-perkors għandu jiġi stabbili hekk kif gvern jidħol fil-kariga fi Stat Membru, għat-tul tal-leġiżlatura kif stabbilit mill-ordni legali kostituzzjonali ta' dak l-Istat Membru, u għandu jkun rispettat mill-baġits annwali matul dak il-perjodu.

2. Il-qafas li ssir referenza għalih fil-paragrafu 1 għandu jinkludi l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

   (a) baġits annwali għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità mal-objettiv fuq perjodu medju li ssir referenza għalih fil-punt (a) tal-paragrafu (1) jew konverġenza lejh, b'mod speċifiku billi tiġi żgurata l-aderenza mal-perkors tan-nefqa tal-gvern li ssir referenza għaliha fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu. Fid-definizzjoni tal-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv fuq perjodu medju u f'aġir konformi mar-rekwiżiti proċedurali tal-qafas tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jieħdu f'kunsiderazzjoni l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali maġġuri li jkollhom effetti baġitarji diretti pożittivi għat-tul, inkluż billi jiżdied it-tkabbir sostenibbli potenzjali, u għalhekk impatt verifikabbli fuq is-sostenibbiltà għat-tul tal-finanzi pubbliċi.

   (b) għandu jiġi attivat awtomatikament mekkaniżmu ta' korrezzjoni fil-każ li tiġi osservata xi devjazzjoni sinifikanti mill-objettiv fuq perjodu medju jew fil-perkors ta' aġġustament lejh. Dak il-mekkaniżmu għandu jinkludi l-obbligu li jiġu implimentati miżuri biex tiġi rranġata d-devjazzjoni fuq perjodu definit u bit-teħid f'kunsiderazzjoni tan-natura u d-daqs tad-devjazzjoni, b'mod partikolari billi jitqies kumpens għal devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa tal-gvern li ssir referenza għalih fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jaraw li devjazzjoni temporanja mill-objettiv fuq perjodu medju jew mill-perkors ta' aġġustament lejh, bl-aġġustament korrispondenti tal-perkors tan-nefqa tal-gvern li ssir referenza għalih fil-punt (b) tal-paragrafu 1, titħalla ssir biss fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u sakemm kull devjazzjoni bħal din ma tkunx ta' periklu għas-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju. Devjazzjoni temporanja li tirriżulta minn ċirkostanzi eċċezzjonali ma għandhiex titqies bħala sinifikanti għall-iskopijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 2 u ma għandhiex ikollha l-effett ta' attivazzjoni tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni li ssir referenza għalih fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu.

4. L-Istati Membri għandhom jaħtru korpi indipendenti għas-sorveljanza tal-konformità mad-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2. Il-korpi indipendenti għandhom jipprovdu evalwazzjonijiet pubbliċi sabiex jagħtu prova ta':

   (a) l-adegwatezza tal-objettiv fuq perjodu medju skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 u tal-perkors tan-nefqa tal-gvern li ssir referenza għalih fil-punt (b) tal-paragrafu 1. Dik l-evalwazzjoni għandha tieħu f'kunsiderazzjoni b'mod partikolari l-plawżibbiltà tal-previżjoni makroekonomika sottostanti, il-grad ta' speċifikazzjoni tan-nefqa u d-dħul tal-gvern ippjanata, u l-effetti baġitarji pożittivi potenzjali diretti, għat-tul, ta' riformi strutturali maġġuri.

   (b) il-konformità mal-objettiv fuq perjodu medju u l-perkors tan-nefqa tal-gvern, inkluż l-eżistenża ta' riskju serju ta' okkorrenza ta' devjazzjoni sinifikanti mill-objettiv fuq perjodu medju jew mill-perkors ta' aġġustament lejh;

   (c) kwalunkwe okkorrenza jew tmiem ta' kull ċirkostanzi eċċezzjonali kif issir referenza għaliha fil-paragrafu 3.

5. L-Istati Membri għandhom jaraw li, fil-każ li tiġi osservata xi devjazzjoni sinifikanti kif issir referenza għaliha fil-punt (b) tal-paragrafu 2, il-korpi indipendenti għandhom jitolbu lill-awtoritajiet baġitarji li jattivaw il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni. Wara li jkun ġie attivat il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni, il-korpi indipendenti għandhom jipprovdu evalwazzjonijiet pubbliċi biex jagħtu prova ta':

   (a) il-konsistenza tal-miżuri ppjanati mal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni stabbilit, fil-kunsiderazzjoni b'mod partikolari ta' jekk id-devjazzjonijiet mill-perkors tan-nefqa tal-gvern, stabbilit skont il-punt (b) tal-paragrafu 1, ikunux ikkumpensati b'mod xieraq;

   (b) il-progress tal-korrezzjoni matul il-perjodu ddefinit;

   (c) kull okkorrenza jew tmiem ta' kull ċirkostanzi eċċezzjonali li jistgħu jippermettu devjazzjoni temporanja mill-perkors korrettiv.

6. L-Istati Membri għandhom jaraw li l-awtoritajiet baġitarji tal-Istat Membru kkonċernat ikunu konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-korpi indipendenti li jkunu saru fl-evalwazzjonijiet mitluba skont il-paragrafi 4 u 5 jew inkellali jiġġustifikaw pubblikament għaliex ma kienx hemm konformità ma' dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

7. L-Istati Membri għandhom jaraw li l-korpi indipendenti li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 4:

   (a) ikun stabbiliti permezz ta' reġim statutorju abbażi ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi vinkolanti nazzjonali;

   (b) ma jiħdux struzzjonijiet mill-awtoritajiet baġitarji tal-Istat Membru kkonċernat jew minn kwalunkwe korp ieħor pubbliku jew privat;

   (c) ikollhom il-kapaċità li jikkomunikaw pubblikament fil-mument xieraq;

   (d) ikunu komposti minn membri li jiġu nominati u jinħatru abbażi tal-esperjenza u l-kompetenza tagħhom fil-finanzi pubbliċi u l-ġestjoni baġitarja, u permezz ta' proċeduri trasparenti;

   (e) ikollhom riżorsi adwgwati u stabbli tagħhom stess biex iwettqu l-mandat tagħhom b'mod effettiv;

   (f) ikollhom aċċess estensiv u f'waqtu għall-informazzjoni għat-twettiq tal-kompiti mogħtija lilhom.

Artikolu 4
Parteċipazzjoni minn Stati Membri li ma jużaw il-euro

1. Kull Stat Membri li l-munita tiegħu ma tkunx il-euro għandu jkun marbut ma' din id-Direttiva, sakemm huwa jkun innotifika lill-Kummissjoni d-deċiżjoni tiegħu li jagħmel hekk. Dik in-notifika għandha tinkludi d-data li minnha l-Istat Membru kkonċernat jitlob li jibda' jkun marbut b'din id-Direttiva.

2. In-notifika li ssir referenza għaliha fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandha tidħol fis-seħħ minn dik id-data nnotifikata mill-Istat Membru kkonċernat jew mid-data ta' adozzjoni tal-euro bħala l-munita unika ta' dak l-Istat Membru, liema minnhom tiġi qabel.

Artikolu 5
Rapporti

Sat-30 ta' Ġunju 2024, u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, li jitħejja abbażi tal-informazzjoni relevanti mill-Istati Membri.

Artikolu 6
Dispożizzjonijiet finali

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sat-30 ta' Ġunju 2019. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif għandha issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jkunu adottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 7
Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 8
Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President